

Brussell, 7 ta' Diċembru 2017
(OR. en)

15540/17

**Fajl Interistituzzjonali:
2017/0329 (COD)**

**AGRI 686
AGRILEG 248
VETER 123**

NOTA TA' TRASMISSJONI

minn:	Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmat mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur
data meta waslet:	6 ta' Diċembru 2017
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2017) 742 final
Suġġett:	Proposta għal DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 92/66/KEE li tintroduċi miżuri tal-Komunità għal kontroll tal-marda Newcastle

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument COM(2017) 742 final.

Mehmuż: COM(2017) 742 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 6.12.2017
COM(2017) 742 final

2017/0329 (COD)

Proposta għal

DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

**li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 92/66/KEE li tintroduċi miżuri tal-Komunità għal
kontroll tal-marda Newcastle**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. IL-KUNTEST ĠURIDIKU TA' DIN ID-DIRETTIVA

Id-Direttiva tal-Kunsill 92/66/KEE tistabbilixxi miżuri li għandhom jiġu applikati fil-każ ta' tifqigħa tal-marda ta' Newcastle fit-tjur u f'ċerti għasafar. Fost affarijiet oħra, id-Direttiva tagħti lill-Kunsill, li jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata fuq proposta tal-Kummissjoni, is-setgħa li jemenda l-Annessi tad-Direttiva. Fost affarijiet oħra, il-Kunsill għandu, għaldaqstant, is-setgħa li jemenda l-Annessi V, VI u VII, li jkopru l-ħatra ta' Laboratorju ta' Referenza tal-UE (EURL) għall-marda ta' Newcastle, il-mudell li għandu jintuża mill-Istati Membri sabiex jirrapportaw lill-Kummissjoni dwar is-sitwazzjoni tal-marda, u l-miżuri ta' kontroll applikati, kif ukoll il-kriterji biex l-Istati Membri jfasslu pjanijiet ta' kontinġenza li jridu jiġu implimentati f'każ ta' tifqigħa.

Dawk is-setgħat mogħtija lill-Kunsill jmorru kontra s-sistema l-ġdida ta' leġislazzjoni u regolamentazzjoni eżekuttiva introdotti mit-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), b'mod partikolari l-Artikolu 291. Barra minn hekk, f'dak li għandu x'jaqsam mal-ħatra tal-EURLs, id-dispożizzjonijiet attwali biex jiġi emendat l-Anness V tad-Direttiva tal-Kunsill 92/66/KEE huma inkonsistenti mar-reġim il-ġdid għall-ħatra tal-EURLs introdott bir-Regolament (UE) 2017/625 dwar il-Kontrolli Uffiċjali ("OCR"). Dan ir-Regolament jirrikjedi li l-Kummissjoni taħtar EURLs permezz ta' atti ta' implimentazzjoni.

L-għan ta' din il-Proposta huwa li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 92/66/KEE biex tiġi allinjata mat-TFUE u ma' dispożizzjonijiet ta' kontroll uffiċjali ġodda, sabiex tiġi żgurata koerenza u ċertezza legali li jippermettu s-simplifikazzjoni meħtieġa tal-proċeduri.

Il-Laboratorju ta' Referenza Ewropew (EURL) attwali għall-marda ta' Newcastle jinsab fir-Renju Unit. Għalhekk, jeħtieġ li jiġi sostitwit b'EURL li jinsab f'wieħed mis-27 Stat Membru ieħor billi r-Renju Unit se joħroġ mill-UE. Il-proċedura attwali għall-ħatra ta' EURL għall-marda ta' Newcastle hija permezz ta' Direttiva tal-Kunsill. Għalhekk, hija meħtieġa b'mod urġenti deċiżjoni dwar proċedura allinjata u ssimplifikata sabiex tippermetti li l-EURL il-ġdid jaħdem kif suppost sad-data ta' meta r-Renju Unit joħroġ mill-UE. Din ir-reviżjoni teknika tad-Direttiva tippermetti l-użu tal-proċedura ta' implimentazzjoni meħtieġa biex jinħatar EURL ġdid għall-marda ta' Newcastle sal-iskadenzi stretti relatati mal-BREXIT.

Filwaqt li l-objettiv ewlieni huwa li tiġi allinjata d-Direttiva inkwistjoni mat-TFUE u mar-regoli tal-UE dwar il-ħatra tal-EURLs, il-miżuri proposti se jipprovdu wkoll aktar konsistenza legali u proċeduri ta' implimentazzjoni aktar simplifikati.

2. KONSULTAZZJONIJIET QABEL L-ADOZZJONI TA' DIN ID-DIRETTIVA

Ir-reviżjoni tad-Direttiva 92/66/KEE tikkonċerna biss il-bidliet tekniċi meħtieġa. Dawn l-emendi huma meħtieġa biex jiżguraw konsistenza mat-TFUE u mar-Regolament (UE) 2017/625 dwar il-kontrolli uffiċjali. Il-partijiet ikkonċernati ġew ikkonsultati b'mod wiesa' dwar kemm it-Trattat kif ukoll ir-Regolament.

Barra minn hekk, fid-dawl tan-natura purament teknika/proċedurali tal-bidliet maħsuba, f'dan il-każ speċifiku mhijiex meqjusa neċessarja konsultazzjoni pubblika sħiħa dwar l-istrateġija. Il-mekkaniżmu ta' rispons ta' erba' ġimgħat dwar il-Pjan Direzzjonali se japplika.

3. IL-BAŻI ĠURIDIKA TA' DIN ID-DIRETTIVA

Il-bażi ġuridika hija l-Artikolu 43(2) tat-TFUE.

4. IMPLIKAZZJONI BAĠITARJA

Il-proposta ma timplikax infiq li mhuwiex diġà previst fid-dikjarazzjoni finanzjarja tal-qafas finanzjarju komuni. L-ebda riżorsa umana addizzjonali mhi prevista lanqas.

Proposta għal

DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 92/66/KEE li tintroduċi miżuri tal-Komunità għal kontroll tal-marda Newcastle

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 43(2) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew¹,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja,

Billi:

- (1) Id-Direttiva tal-Kunsill 92/66/KEE² tistipula l-miżuri ta' kontroll tal-Unjoni li għandhom jittieħdu f'każ ta' tifqigħa tal-marda ta' Newcastle fi tjur, ħamiem tat-tlielaq u għasafar oħra miżmuma fil-kattività.
- (2) L-Artikolu 15 tad-Direttiva 92/66/KEE jipprevedi li l-laboratorju ta' referenza tal-Unjoni Ewropea għall-marda ta' Newcastle huwa msemmi fl-Anness V ta' dik id-Direttiva. L-Anness V ta' dik id-Direttiva debitament jirreferi għal dak il-laboratorju u jelenka l-funzjonijiet u d-dmirijiet tiegħu.
- (3) L-Artikolu 19 tad-Direttiva 92/66/KEE jipprevedi l-miżuri ta' kontroll li għandhom jittieħdu mill-Istati Membri fil-każ li ħamiem tal-messaġġi jew għasafar li jinżammu fil-kattività jkunu ssuspettati li huma infettati bil-marda ta' Newcastle. Dan jistipula li safejn meħtieġ għall-applikazzjoni xierqa ta' dawk il-miżuri ta' kontroll, l-Istati Membri għandhom jipprovdu lill-Kummissjoni b'informazzjoni dwar is-sitwazzjoni tal-marda u l-miżuri ta' kontroll applikati bi qbil mal-mudell tal-formula stipulat fl-Anness VI ta' dik id-Direttiva.
- (4) L-Artikolu 21 tad-Direttiva 92/66/KEE jipprevedi li l-Istati Membri għandhom iħejju pjanijiet ta' kontinġenza li jispeċifikaw il-miżuri nazzjonali li għandhom jiġu implimentati f'każ ta' tifqigħa tal-marda ta' Newcastle. L-istess Artikolu jipprevedi li l-kriterji li għandhom jiġu applikati fit-tħejjija ta' dawk il-pjanijiet huma stipulati fl-Anness VII ta' dik id-Direttiva.
- (5) L-Artikolu 24 tad-Direttiva 92/66/KEE jipprevedi li l-Annessi tagħha għandhom ikunu emendati, kif u meta meħtieġ, mill-Kunsill li jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata fuq proposta mill-Kummissjoni, partikolarment sabiex jitqiesu l-iżviluppi fir-riċerka u fil-proċeduri dijanjostiċi.

¹ ĠU C [...], [...], p. [...]

² Id-Direttiva tal-Kunsill 92/66/KEE tal-14 ta' Lulju 1992 li tintroduċi miżuri tal-Komunità għal kontroll tal-marda Newcastle (ĠU L 260, 5.9.1992, p. 1).

- (6) L-Annessi V, VI u VII tad-Direttiva 92/66/KEE jistabbilixxu rispettivament (i) l-indikazzjoni tal-laboratorju ta' referenza tal-Unjoni Ewropea għall-marda ta' Newcastle kif ukoll il-funzjonijiet u d-dmirijiet tiegħu; (ii) il-mudell tal-formola li għandu jintuża mill-Istati Membri sabiex jirrapportaw dwar is-sitwazzjoni tal-marda u l-miżuri ta' kontroll applikati; u (iii) il-kriterji li jridu jiġu applikati mill-Istati Membri biex iħejju pjanijiet ta' kontinġenza li jispeċifikaw il-miżuri nazzjonali li jridu jiġu implimentati fil-każ li tfaqqaq l-marda ta' Newcastle.
- (7) Sabiex jiġu simplifikati l-proċeduri għall-kontroll tal-marda ta' Newcastle, b'mod partikolari billi jitqiesu r-regoli l-ġodda fir-rigward tal-ħatra ta' laboratorji ta' referenza tal-Unjoni Ewropea previsti fl-Artikolu 93 tar-Regolament (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill³, u billi titqies ukoll is-sistema l-għdida tal-atti ta' implimentazzjoni previsti fl-Artikolu 291 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni tad-Direttiva 92/66/KEE, l-Annessi V, VI u VII tad-Direttiva 92/66/KEE jenħtieġ li jitħassru, u jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata setgħat ta' implimentazzjoni fl-oqsma koperti minn dawk l-Annessi. Jenħtieġ li dawn is-setgħat ikunu eżerċitati skont ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁴.
- (8) Għal raġunijiet ta' ċarezza, il-funzjonijiet u d-dmirijiet tal-laboratorju ta' referenza tal-Unjoni Ewropea għall-marda ta' Newcastle jenħtieġ li jiġu stipulati fl-Artikolu 15 tad-Direttiva 92/66/KEE, u l-kriterji għal pjanijiet ta' kontinġenza jenħtieġ li jiġu stipulati fl-Artikolu 21 ta' dik id-Direttiva.
- (9) Għal raġunijiet ta' konsistenza u effiċjenza, l-Istati Membri għandhom jiżguraw it-traspożizzjoni f'waqtha tad-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva.
- (10) Għaldaqstant, jenħtieġ li d-Direttiva 92/66/KEE tiġi emendata skont dan,

ADOTTAW DIN ID-DIRETTIVA:

Artikolu 1

Emendi għad-Direttiva 92/66/KEE

Id-Direttiva 92/66/KEE hija emendata kif ġej:

- (1) L-Artikolu 15 jinbidel b'dan li ġej:

“Artikolu 15

1. Il-Kummissjoni għandha taħtar, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, laboratorju ta' referenza tal-Unjoni Ewropea għall-marda ta' Newcastle. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 25.

³ Ir-Regolament (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2017 dwar il-kontrolli uffiċjali u attivitajiet uffiċjali oħra mwettqa biex jiżguraw l-applikazzjoni tal-liġi tal-ikel u tal-ġhalf, ta' regoli dwar is-saħħa u t-trattament xieraq tal-annimali, dwar is-saħħa tal-pjanti u dwar prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 999/2001, (KE) Nru 396/2005, (KE) Nru 1069/2009, (KE) Nru 1107/2009, (UE) Nru 1151/2012, (UE) Nru 652/2014, (UE) 2016/429 u (UE) 2016/2031 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1/2005 u (KE) Nru 1099/2009 u d-Direttivi tal-Kunsill 98/58/KE, 1999/74/KE, 2007/43/KE, 2008/119/KE u 2008/120/KE, u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 854/2004 u (KE) Nru 882/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi tal-Kunsill 89/608/KEE, 89/662/KEE, 90/425/KEE, 91/496/KEE, 96/23/KE, 96/93/KE u 97/78/KE u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 92/438/KEE (Regolament dwar il-Kontrolli Uffiċjali) (ĠU L 95, 7.4.2017, p. 1).

⁴ Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13).

2. Il-funzjonijiet u d-dmirijiet tal-laboratorju ta' referenza tal-Unjoni Ewropea għall-marda ta' Newcastle għandhom ikunu:
- (a) li jikkoordina, f'konsultazzjoni mal-Kummissjoni, il-metodi li jintużaw fl-Istati Membri għad-dijanjosji tal-marda ta' Newcastle, speċifikament billi:
 - (i) jagħżel bit-tipi, jaħżen u iforni t-tessut tal-virus tal-marda ta' Newcastle għal testijiet seroloġiċi u l-preparazzjoni ta' antisera;
 - (ii) iforni sera standard u reaġenti ta' referenza oħra lil-laboratorji ta' referenza nazzjonali sabiex jiġu standardizzati t-testijiet u r-reaġenti użati fl-Istati Membri;
 - (iii) jibni u jżomm kollezzjoni ta' razez u iżolati tal-virus tal-marda ta' Newcastle;
 - (iv) jorganizza testijiet komparattivi perjodiċi tal-proċeduri dijanjostiċi fuq il-livell tal-Unjoni;
 - (v) jiġbor u jqabbel dejta u informazzjoni dwar il-metodi tad-dijanjożi użati u r-riżultati tat-testijiet imwettqa fl-Unjoni;
 - (vi) jikkarakterizza l-iżolati tal-virus tal-marda ta' Newcastle bil-metodi l-aktar aġġornati disponibbli sabiex iwasslu għal fehim aħjar tal-epidemjoloġija tal-marda ta' Newcastle;
 - (vii) iżomm aġġornat ma' żviluppi fis-sorveljanza tal-marda ta' Newcastle, fl-epidemjoloġija u fil-prevenzjoni mad-dinja kollha;
 - (viii) iżomm l-għarfien espert dwar il-virus tal-marda ta' Newcastle u viruses pertinenti oħra biex jgħin għal dijanjożi ddifferenzjata mħaffa;
 - (ix) jikseb għarfien sħiħ tal-preparazzjoni u l-użu tal-prodotti tal-immunoloġija veterinarja li jintużaw fl-eradikazzjoni u l-kontroll tal-marda ta' Newcastle;
 - (b) jgħin attivament fid-dijanjosji tat-tifqigħ tal-marda ta' Newcastle fl-Istati Membri billi jirċievi l-iżolati tal-virus għad-dijanjosji konfermatorja, għall-karakterizzazzjoni u għall-istudji epidemjoloġiċi;
 - (c) jiffaċilita t-taħriġ jew it-taħriġ mill-ġdid ta' esperti fid-dijanjosji tal-laboratorju bil-ħsieb li jarmonizza t-tekniki fl-Unjoni kollha.”;

(2) L-Artikolu 19 hu emendat kif ġej:

- (a) il-paragrafu 5 jinbidel b'dan li ġej:

“5. Safejn huwa meħtieġ għall-applikazzjoni xierqa tal-miżuri stabbiliti f'dan l-Artikolu, l-Istati Membri għandhom jibagħtu lill-Kummissjoni, fil-qafas tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Animali, l-Ikel u l-Għalf, informazzjoni dwar is-sitwazzjoni tal-marda u l-miżuri ta' kontroll applikati.”;

- (b) għandu jżied dan il-paragrafu 6:

“6. Il-Kummissjoni, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tista' tistabbilixxi regoli dwar l-informazzjoni li għandha tintbagħat mill-Istati Membri lill-Kummissjoni kif previst fil-paragrafu 5. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni

għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 25”.

(3) L-Artikolu 21 jinbidel b'dan li ġej:

“Artikolu 21

1. Kull Stat Membru għandu jħejji pjan ta' kontinġenza li jispeċifika l-miżuri nazzjonali li għandhom ikunu implimentati fil-każ li tfaqqgħa l-marda ta' Newcastle. Il-pjan ta' kontinġenza għandu jiġi aġġornat, kif meħtieġ, sabiex iqis l-iżviluppi fis-sitwazzjoni.

Il-pjan ta' kontinġenza jrid jippermetti aċċess għall-faċilitajiet, it-tagħmir, il-persunal u l-materjali l-oħra xierqa kollha meħtieġa għall-qerda rapida u effiċjenti tat-tifqigħ tal-marda ta' Newcastle. Għandu jagħti indikazzjoni preċiża tal-ħtiġijiet ta' tilqim li kull Stat Membru jħoss li tkun meħtieġa bħala tilqim ta' emerġenza.

2. Il-pjanijiet ta' kontinġenza u kwalunkwe aġġornament tagħhom għandhom jiġu sottomessi lill-Kummissjoni.
3. Il-Kummissjoni għandha teżamina l-pjanijiet ta' kontinġenza u kwalunkwe emenda meħtieġa sabiex tiddetermina jekk jippermettux li jinkiseb l-oġettiv mixtieq, u għandha tissuġġerixxi lill-Istat Membru kkonċernat kwalunkwe emenda meħtieġa, b'mod partikulari biex tiżgura li huma kompatibbli ma' dawk tal-Istati Membri l-oħra.

Il-Kummissjoni għandha tapprova l-pjanijiet ta' kontinġenza u kull aġġornament li jsirillhom, jekk meħtieġ emendati, bi qbil mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 25.

4. Il-Kummissjoni, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tista' tistabbilixxi l-kriterji li għandhom jiġu applikati mill-Istati Membri għat-tnejn tal-pjanijiet ta' kontinġenza. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati bi qbil mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 25.”

(4) L-Artikolu 25 jinbidel b'dan li ġej:

“Artikolu 25

1. Il-Kummissjoni għandha tkun meġhuna mill-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Animali, l-Ikel u l-Għalf imwaqqaf bl-Artikolu 58(1) tar-Regolament (KE) Nru 178/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill^(*). Dak il-kumitat ikun kumitat skont it-tifsira tar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill^(**).
2. Meta ssir referenza għal dan l-Artikolu, għandu japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

(*) Ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 178/2002 tat-28 ta' Jannar 2002 li jstabbilixxi l-prinċipji ġenerali u l-ħtiġijiet tal-liġi dwar l-ikel, li jstabbilixxi l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel u jstabbilixxi l-proċeduri fi kwistjonijiet ta' sigurtà tal-ikel (ĠU L 31, 1.2.2002, p. 1).

(**) Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jstabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13).”;

(5) L-Annessi V, VI u VII jitħassru.

Artikolu 2

Traspożizzjoni

Sat-30 ta' Ġunju 2018, l-Istati Membri għandhom jadottaw u jippubblikaw il-miżuri neċessarji għall-konformità ma' din id-Direttiva. Għandhom jinfurmaw minnufih lill-Kummissjoni b'dan.

Għandhom japplikaw dawn il-miżuri mill-1 ta' Jannar 2019.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawk il-miżuri, dawn għandhom jirreferu għal din id-Direttiva jew ikunu akkumpanjati b'din ir-referenza waqt il-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. Il-metodi ta' kif issir dik ir-referenza għandhom jiġu stabbiliti mill-Istati Membri.

Artikolu 3

Dispożizzjoni tranżitorja

Il-ħatra tal-laboratorju ta' referenza Komunitarju għall-marda ta' Newcastle imsemmija fl-Anness V tad-Direttiva 92/66/KEE, qabel l-emendi li saru permezz ta' din id-Direttiva, għandha tibqa' fis-seħħ sakemm il-laboratorju ta' referenza tal-Unjoni Ewropea għall-marda ta' Newcastle jkun ġie debitament maħtur skont l-Artikolu 15 tad-Direttiva 92/66/KEE, kif emendat minn din id-Direttiva.

Artikolu 4

Dħul fis-seħħ

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Artikolu 5

Destinatarji

Din id-Direttiva hi indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Parlament Ewropew
Il-President

Għall-Kunsill
Il-President